MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 326/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**Joseph Caruana – ID534629M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ hemm TALBA biex il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta' attric sitt mija, disgha u erbghin Ewro erbgha u hamsin centezmi (€649.54c) dovuti ghal servizz telefoniku minn S/C 4143 skond Dok A. Il-konvenut baqa ma hallasx anke wara li gie mitlub. Bl-ispejjes u bl-imghax mit-13 ta' Lulju 2007, meta sar l-ahhar pagament.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

L-ammont mhux dovut billi l-konvenut kien hallas tal-*extension*, liema hlas kien gie accettat mill-istess socjeta'.

Is-socjeta' attrici gholliet b'mod astronomiku t-tariffa tal-*extension* minghajr pre-avviz lill-konvenut u nfurmatu biss f'Novembru 2005 meta hareg il-kont. Kieku l-konvenut kien avzat qabel dwar iz-zieda, kien inehhi l-*extension* kif fil-fatt ghamel.

Il-kont hu preskritt ai termini tal-art. 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

II PROVI

1. L-ewwelnett jigi osservat, in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li l-AVVIZ iddahhal il-Qorti fit-8 ta' Frar 2010 u l-ewwel riferta negativa, fir-rigward tal-konvenut, hi datata 15.03.10. Imbaghad hemm riferta, din id-darba **positiva** u bil-purtier, datata **04.05.10**. jekk wiehed ihares lejn il-lista ta' kontijiet annessa mal-AVVIZ bhala Dok A isib li l-eqdem kont imur lura ghat-**28.11.05.**

2. **Alison Beach** qalet li fil-perjodu rilevanti ghall-kawza kienet *brand manager* mal-GO plc. Fl-2004 hargu tariffi godda (allura mill-Maltacom) fuq il-*leased lines* u dawn kellhom jigu fis-sehh fl-1 ta' Dicembru 2004. Dawn it-tariffi kienu ghaddew mill-*Malta Communications Authority*.

3. Kif ordnati mill-Awtorita' msemmija il-klijenti gew avzati b'dawn it-tariffi godda permezz tal-*website* (1.10.2004), permezz ta' avviz fuq zewg gazzetti ta' kuljum, fit-2.10.2004 (Dok GO2 u GO3) u billi ntbaghtet ittra lil kull klijent (Dok GO1) fl-1/2 ta' Novembru 2004.

Fi Frar 2005 xi klijenti kienu nfurmawhom li minkejja dan, il-*billing* kien qed isir bit-tariffi qodma. Is-sistema giet irrangata f'Ottubru/Novembru 2005 u saret talba lill-klijenti biex ihallsu l-bilanc skond it-tariffi godda.

4. Ix-xhud ziedet tghid li fuq il-klijent partikulari, ma kellhiex taghrif. It-tariffa gdida hi esibita *a fol* 39 (Dok Go 1). Dan hu, tenniet, taghrif generiku. Hi ma tafx il-konvenut irceviex l-ittra (enfasi tat-TRIBUNAL). L-ittri ma ntbaghtux personali minnha imma min-nies tad-Dipartiment.

5. **Daniel Zahra**, Financial Analyst fi hdan l-Awtorita' msemmija qal li kien hemm qbil li mill-1 ta' Dicembru 2004 kellhom jidhlu fis-sehh tariffi godda. Dan skond dokumentazzjoni li kellu f'idu peress li dak iz-zmien ma kienx jahdem mal-Awtorita'

6. Maltacom kellha tati avviz ta' 60 jum qabel jidhlu fis-sehh it-tariffi godda. Kellhom jgharrfu b'dan b'ittra lil kull klijent, b'avviz f'zewg gurnali ta' kuljum u fuq il-*website*. "Jiena nista nikkonferma li din is-*sixtyday notice* fuq il-*website* kienet hemm zgur ghax intbaghtu l-*links* taghhom lilna fl-1 ta' Ottubru".

7. **<u>David Caruana</u>**, iben il-konvent, qal li hu jiehu hsieb il-kontijiet ta' missieru inkluzi dawk tal-GO. L-estensjoni in kwistjoni kienet biss *wire* bejn ir-residenza ta' missieru u tieghu. Saret fi zmien il-Maltacom, bi spiza ta' LM86. Kienu jhallsu 63c fix-xahar, b'kont separat mil-linja tat-telefon (Dok JC1-6 ghad-diversi perjodi murija).

8. Meta mar jivverifika dwar il-kont ta' Dicembru 2004 – Novembru 2005 qalulu li dan kien juri l-kambjament fil-hlas tal-kera, tariffi godda. <u>Qatt ma rcevew taghrif li kienu nbidlu t-tariffi</u>. Fit-18 ta' Novembru 2005 ikkancella s-servizz. Ma ridux ituhom servizz qabel ihallsu l-kont biz-zieda pendenti. Huma baqghu ma hallsux.

9. **<u>Joseph Caruana</u>**, konvenut, qal li hu sema lil ibnu jixhed u jikkonferma dak li qal. "Jien qatt ma rcevejt ittra li tghidli li GO kienu biddlu t-tariffi, rcevejt biss kont wiehed. Jiena m'ghandix internet ghax ma nifhimx fih".

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna kas ta' ftehim kummercjali bejn is-socjeta' attrici u klijent taghha, f'dan il-kaz il-konvenut. Issa kull ftehim irid jigi osservat kif miftiehem u dak li, fil-kors tat-twettieq tal-ftehim, tiddeciedi parti wahda biss mhux bizzejjed. Dan mhux kaz tal-prezunzjoni li l-ligi titiqies maghrufa minn kulhadd.

2. Is-socjeta' attrici setghet tiddeciedi li tibdel it-tariffi, imma <u>bi qbil</u> mal-konvenut. Jekk ma jaqblux, il-ftehim jispicca. Il-*Malta Communication Authority* ma kienetx parti fil-ftehim bejn il-GO u l-konvenut u l-awtorizazzjoni tal-Awtorita' ma kienetx ftehim mal-konvenut izda biss awtorizazzjoni biex GO izidu t-tariffi. Il-konvenut kellu jigi mgharraf bil-bdil tat-tariffi **b'ittra li tasal ghandu** u

mbaghad sta ghalih tkomplix ir-relazzjoni tieghu mal-GO jew le. L-Avvizi Legali mxandra fil-Gazzetta tal-Gvern u z-zewg avvizi fil-gurnali bl-Ingliz, mhux bizzejjed.

3. Issa l-ittra li GO tghid li ntbaghtet bhala li "ntbaghtet li kulhadd" (bla ma hadd xehed, minn naha ta' GO, li hu baghat l-ittra), mhux bizzejjed.

4. Il-konvenut kellu lil ibnu David Caruana jehodlu hsieb il-kontijiet u dawn, it-tnejn, jghidu li ma rcevew ebda ittra dwar zieda fit-tariffi. Dawn hallew quddiem it-TRIBUNAL impressjoni, anzi konvinzjoni li huma nies tal-affari taghhom u t-TRIBUNAL iqis li din l-ittra qatt ma waslet ghand il-konvenut jew ibnu. Zgur li s-socjeta' attrici ma ppruvatx dan il-waslien. Ghalhekk, fic-cirkostanzi ma jistax jitqies li dak li talbet is-socjeta' attrici gie pruvat bhala dovut.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq u wara li sama s-sottomisjonijiet it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) wara li **jichad** l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut (2) **jichad** it-talba tas-socjeta' attrici u, fic-cirkostanzi (3) jiddeciedi li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------